Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 9/2015

**Ashraf Jarbo** (appellat)

Vs

**Peak Leisure Limited** (appellanti)

12 ta' Dicembru, 2016.

1. L-appellat kien harrek lis-socjeta appellanti fit-Tribunal Industrijali fejn allega li tkecca ngustament mill-impieg bhala Head Chef gewwa l-istabbiliment Scarlet Lounge, San Giljan. Fid-decizjoni t-Tribunal qal:

*"Dan il-kaz jinkwadra decizjoni ta' temm ta' impieg li ttiehdet b'mod instantanju kagun ta' ncident partikolari. Fejn pero', skont l-Employer dan kien biss wiehed minn 'katina ta' nuqqsasijiet' precedent, fejn l-appellant naqas b'mod flagranti milli josserva proceduri stabbiliti fit-tehid tal-leave, fir-reklutagg ta' persuni, kif ukoll fit-tehid tal-break.*

*It-Tribunal irid jiddeciedi l-kolpevolezza o meno u l-gravita ta' dawn in-nuqqasijiet fil-kuntest li l-Appellant fil-kariga ta' Head Chef u allura fejn bhala parti ntegrali mill-management team kien fl-obbligu li mhux biss josserva l-proceduri stabbilit izda mghobbi bir-responsabbilta li jkun ta' ezempju ghall-kumplament tal-istaff.*

*Fid-deliberazzjoni meqjusa tieghu tal-fatti kif gew sponuti f'dan il-process jirrizulta b'mod car ghat-Tribunal li l-Appellant wettaq xi nuqqasijiet minn dawk li semma l-Employer. Anke jekk, it-Tribunal jinnota li l-proceduri generali f'dan il-post tax-xoghol ma kinux stabbiliti b'mod car fejn certa flessibilita' fl-osservanza taghhom kienet prattikament tollerata.*

*B'mod partikolari fuq l-issue tal-break, it-Tribunal filwaqt illi jifhem li mpjegat anke jekk f'kariga manigerjali ghandu dritt sagrosant illi jkollu hin adegwat ta' mistrieh permezz ta' break, ma jfissirx illi dan ghandu jsir billi jillarga minn fuq il-post tax-xoghol u dan b'tali mod li jpoggi lilu nnifsu f'posizzjoni li ma jkunx facli li jigi kkuntattjat kif u meta jkun mehtieg.*

*It-Tribunal jinnota l-mod sommarju li bih ittiehdet id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg min-naha tas-socjeta intimata.*

***Decizjoni.***

*Wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li filwaqt illi jara dan it-temm ta' impieg kien gustifikat bil-fatt illi l-komportament generali tal-appellant kif sponut f'dan il-process ma kienx denju ta' persuna li kienet tokkupa kariga manigerjali, mill-banda l-ohra dan it-Tribunal ma jhossx illi kien korrett illi l-Apellant kellu jigi mkecci bil-mod kif gie mkecci.*

*Dan it-Tribunal qieghed jiccensura biss lis-Socjeta ntimata ghall-mod degradanti li bih tkecca l-Appellant u jordna li unikament ghal din ir-raguni s-Socjeta ntimata thallas kumpens lill-*

*Appellant fis-somma nominali ta' €500. Liema hlas irid isir fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni".*

2. Is-socjeta appellanti appellat mid-decizjoni u argumentat li ladarba t-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impieg kienet gustifikata, it-Tribunal ma messu qatt ikkundanna lill-appellanti thallas kumpens lill-appellat. L-appellanti ssostni li:

   *"…. It-Tribunal ma setghax jordna l-hlas ta' kumpens kif hawn fuq imsemmi, appuntu wara illi l-istess Tribunal kien sab illi 'it-temm tal-impieg kien gustifikat', u dan peress illi huwa jista' jordna kumpens biss, fi kliem l-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, meta jkun hemm tkeccija minghajr kawza gusta – haga illi mill-apprezzament tal-provi maghmula mit-Tribunal Industrijal, jirrizulta illi ma kienx il-kaz."*

   M'hemmx dubju li dan hu punt ta' ligi in kwantu l-appellanti tilmenta li l-appellat inghata rimedju meta legalment ma kellux dritt ghal rimedju peress li t-Tribunal stess kien ikkonkluda li t-terminazzjoni kienet gustifikata.

3. L-appellat ma pprezentax twegiba ghar-rikors tal-appell.

4. Dan l-appell ma jirraprezenta l-ebda diffikulta. Il-kaz kien jitratta dwar it-tkeccija tal-appellat mill-impieg li kellu mas-socjeta appellanti. It-Tribunal kellu jiddeciedi dwar jekk dik it-tkeccija saritx ghall-kawza gusta. F'dan il-kaz t-Tribunal kien legalment skorrett meta kkundanna lill-appellanti thallas is-somma ta' €500 bhala kumpens *"… ghall-mod degradanti li bih tkecca l-Appellanti…..".* Peress li t-Tribunal kkonkluda li t-tkeccija tal-appellat mill-impieg kienet gustifikata, ma kienx hemm bazi biex l-appellat jinghata kumpens. F'kaz bhal dak tal-lum hu biss jekk it-Tribubal ikkonkluda li t-tkeccija kienet minghajr kawza gusta li l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) jaghtih il-poter li jordna hlas ta' kumpens lill-impiegat, bhala wiehed mir-rimedji (artikolu 81(2) tal-Kap. 452). Pero' f'dan il-kaz it-Tribunal ghamilha cara li t-terminazzjoni tal-impieg kienet gustifikata minhabba li, *"… l-komportament generali tal-Appellant kif sponut f'dan il-process ma kienx denju ta' persuna li kienet tokkupa kariga manigerjali…..".* Ladarba t-Tribunal wasal ghal din il-konkluzjoni, kellu jieqaf hemm. Fil-Kap. 452 m'hemmx disposizzjoni li tawtorizza lit-Tribunal jillikwida kumpens semplicement minhabba l-mod kif il-principal ikun ittermina l-impieg tal-impjegat li jkun tkecca. Gialadarba t-Tribunal ikkonkluda li t-tkeccija kienet ghal kawza gusta, il-mod sommarju kif tkecca l-appellat kienet ghal kollox irrilevanti u ma jaghtix lill-appellat il-jedd li jircievi xi kumpens.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tilqa' l-appell.**
2. **Tvarja d-decizjoni tal-11 ta' Marzu 2015 tat-Tribunal Industrijali fis-sens li thassarha f'dik il-parti li kkundannat lill-appellanti thallas lill-appellat is-somma ta' hames mitt ewro (€500), u minflok tiddikjara**

**li in vista tal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal li t-tkeccija mill-impieg kienet gustifikata, ebda kumpens mhu dovut lill-appellat.**

3. **Spejjez ta' dan l-appell a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.